## LIT-TABIB KAV. ĠUŻÈ GALEA, PRESIDENT TAL-"GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI" U AWTUR TA' ĦAFNA KITBIET TA' SURA PATRIJOTTIKA

### SUNETT

*Ta'* Dun Karm

Hawn min jiġġerra ma' l-għoljiet xemxija
Ta' Elikona qalb il-ward u l-ħdura,
U, mgħaxxaq b'dik il-Għanja tan-Natura,
Minn qalbu jsawwab l-oħla poeżija.

Hemm ukoll min iħobb satra dellija,
U, miġbur fih innifsu, jarġa' lura
Fuq il-ġrajja ta' ġensu u jifli s-sura
Tagħhom bid-dehen tal-filosofija.

Inti, Raġel bil-Għaqal, għarrext sewwa
Fil-qalb u l-ħsieb ta' ġensna u rajt sedqithom
Ħelwa mal-Ħbieb u ħarxa mal-Għedewwa;

Għallimtna li Għerf wieħed qatt ma falla:
Imutu l-Ħżiena u magħhom tgħib kburithom,
Jirbaħ iċ-Ċkejken għaliex jitma f'Alla.

3. 9. 46.

*Il-poeta nazzjonali tagħna, Mons. Dun Karm Psaila D.Litt, b'dik il-ħlewwa li dejjem għoġbu juri lejna, ried jagħmlilna ġieh kbir billi jiktbilna dan is-sunett li aħna qegħdin inġibu hawn mhux bħala foħrija tagħna nnifisna, iżda biex din il-biċċa xogħol ta' l-aqwa poeta Malti ma tibqax moħbija u hekk il-qarrejja jkunu mċaħħdin mill-ħlewwa tagħha.* — Id-Direttur.



### MIS-SUNETTI TAR-RUŻARJU TA' PATRI V. BARBARA, O.P.

## ĠETSEMANI

Hemda fil-ġnien. Mill-għoli jarmi dija
Fiddiena l-qamar mimli. B'wiċċ safrani,
Għajnejh merfugħa 'l fuq, b'ħarsa mbikkija,
Bin Alla jitlob lill-Missier setgħani.

Beżgħan, minn ġbinu l-għaraq ħiereġ dmija
Għad-dehra tal-quddiem u tal-warrani;
Waħdu, ma' l-art, insieh min tah foħrija
B'għajat t'Hosanna, u xejjer rand ħadrani.

Talab, imma kien jaf li ġiet is-siegħa
Tad-dlamijiet, u ntelaq Hu f'idejhom,
Għax kien mibgħut fid-dinja biex jifdieha.

Mill-bogħ'd ġejjin l-egħdewwa ta' Ġesù
Bid-dwal fuq rashom, resqu, ħarsu lejhom.
Mixħutin fl-art għall-kelma biss—Jien hu!

---

## IX-XEWK

Qalilkom—Jien Sultan—, u dlonk tbissima
Ta' għira, ta' ħżunija u ta' mibegħda
Ċarrtet xofftejkom, u b'għeliem ta' qima
Li mill-imħabba kienet wisq imbiegħda,

Kellilu f'rasu x-xewk, iżda b'tislima
Li fuq xofftejkom ġiet, bla tafu, mqiegħda,
Lilu b'Sultan għaraftu... u Hu tilwima
Ma semma' qatt għal dat-tmaqdir bla heda.

Boloh u mġienen! Mhix is-saltna tiegħu
Saltna li tgħaddi fuq ġwenħajn ir-riħ,
Għaddew iż-żmenijiet, 'mma qawwet driegħu

Għadha żagħżugħa u tibqa', u jibqa' Kristu
Isaltan waħdu fuq il-qlub, fl-erwieħ,
Għalkemm lil das-Sultan bix-xewk libbistu!